## Domandi preliminari

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż [spirti] u li jhassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 110/2008") huwa applikabbli għall-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trade mark — applikazzjoni li saret fid-19 ta' Diċembru 2001 u rreġistrata fil-31 ta' Jannar 2003 –li fiha indikazzjoni ġeografika protetta minn dan ir-regolament?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, għandha tiġi rrifjutata peress illi tikser l-Artikoli 16 u 23 tar-Regolament Nru°110/2008 trade mark li tinkludi b'mod partikolari indikazzjoni ġeografika tal-oriġini protetta minn dan ir-regolament, jew it-terminu ġeneriku għal din l-indikazzjoni u t-traduzzjoni tagħha, u li ġiet irreġistrata għal spirti li f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-proċess ta' produzzjoni u l-kontenut ta' alkoħol, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' użu tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni?

(3) Indipendentement mir-risposta għall-ewwel domanda, trade mark bħal dik deskritta fit-tieni domanda għandha tiġi kkunsidrata bħala ta' natura li tqarraq il-pubbliku, pereżempju fir-rigward tan-natura, tal-kwalità jew tal-oriġini ġeografika tal-prodotti jew servizzi, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE [2], tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, li llum il-ġurnata ġie ssostitwit bid-Direttiva 2008/95/KE [3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva 89/104/KEE")?

(4) Indipendentement mir-risposta għall-ewwel domanda, għandu jiġi kkunsidrat li ladarba Stat Membru, fuq il-bażi tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 89/104/KEE, ikun ipprovda li r-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tiġi rrifjutata jew, jekk hija ġiet irreġistrata, għandha tiġi ddikjarata invalida billi u sa fejn l-użu ta' din it-trade mark jista' jkun ipprojbit taħt leġiżlazzjoni differenti minn dik fil-qasam tat-trade marks tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Komunità, r-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tiġi rrifjutata sa fejn din tkun tinkludi elementi li jiksru r-Regolament Nru°110/2008 u li fuq il-bażi tagħhom l-użu tagħha jista' jkun ipprojbit?

[1] ĠU L 39, p. 16.
[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92.
[3] ĠU L 299, p. 25.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

**(Kawża C-39/10)**

(2010/C 63/66)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u K. Saaremäel-Stoilov)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Estonja

### Talbiet tal-parti rikorrenti

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Estonja ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 28 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, peress li fil-liġi tagħha ma pprovdietx il-possibilità li tingħata eżenzjoni fuq it-taxxa fuq id-dħul ta' individwi jew persuni mhux residenti, li d-dħul totali tagħhom huwa tant baxx li kienu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul kieku kienu persuni taxxabbli residenti;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-pensjonijiet għall- irtirar li joriġina fl-Estonja, mingħand ċittadin Estonjan residenti fir-Repubblika tal-Finlandja. Iċ-ċittadin inkwistjoni lmenta għal fatt li r-Repubblika tal-Estonja ma tapplikax, għal pensjoni għal irtirar tiegħu, il-valur limitu abitwalment previst għar-residenti, li taħtu tiġi applikata eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul, u lanqas il-valur limitu abitwalment previst għall-irtirati residenti, li taħtu tiġi applikata eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul.

Min għamel l-ilment jirċievi n-nofs tad-dħul tiegħu bħala pensjoni mir-Repubblika tal-Estonja u n-nofs l-ieħor bħala pensjoni li ġejja mir-Repubblika tal-Finlandja. Id-dħul tiegħu huwa baxx ħafna u li kieku kien jitħallas it-totalità tad-dħul tiegħu fl-istess Stat Membru, dan id-dħul kien jiġi ntaxxat b'rata inqas jew kien ikun eżenti għal kollox.

Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, anki jekk it- tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn għandhom jimplementaw il-kompetenza tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea u jevitaw id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza.

Il-fatt li persuna taxxabbli mhux residenti, li tagħmel użu mill-moviment liberu tal-ħaddiema, ma tistax tibbenefika minn eżenzjoni tat-taxxa li jistgħu jgawdu minnha persuni taxxabbli residenti, tikkostitwixxi, fiha nnifisha, differenza fit-trattament bejn persuna mhux residenti u persuna residenti u, fl-istess ħin, restrizzjoni tal-moviment liberu transkonfinali.

Sa fejn huwa xieraq, din id-differenza fit-trattament għandha titqies li hija adegwata u ġġustifikata għal raġuni ta' differenza fuq livell residenzjali.

F'sitwazzjoni fejn id-dħul totali dinji ta' persuna taxxabbli huwa tant baxx li s-sors tad-dħul tal-pajjiż ma huwa ntaxxat xejn jew huwa ntaxxat b'rata iktar baxxa kieku dan kien persuna residenti, il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri għandhom, fl-impożizzjoni tat-taxxa tal-individwi mhux residenti, jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi personali u familjari tagħhom b'mod li jiggarantixxu trattament indaqs b'relazzjoni mal-persuni taxxabbli residenti.

Bħalma l-Istat Membru ppreveda, fil-liġi tiegħu, valur limitu li taħtu huwa preżunt li persuna taxxabbli m'għandhiex l-mezzi għall-finanzjament tal-ispejjeż pubbliċi, m'hemmx raġuni għalfejn għandu jagħmel distinzjoni, skont il-post ta' residenza tagħhom, fil-konfront ta' persuni taxxabbli li d-dħul tagħhom jibqa' taħt limitu stabbilit.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tat-tulumaksuseaduse (liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul) imorru kontra l-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 28 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea peress li ma jippermettux li individwi mhux residenti, li jirċievu n-nofs tad-dħul tagħhom mill-Estonja u n-nofs l-ieħor minn Stat Membru ieħor, u li d-dħul totali tagħhom huwa tant baxx li kieku kienu persuni taxxabbli residenti jkunu eżenti mit-taxxa fuq id-dħul, jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

**(Kawża C-110/08)** [1]

(2010/C 63/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 158, 21.06.2008

---

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de la Comunidad Autónoma del País Vasco — Spanja) — Emilia Flores Fanega vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS), Bolumburu S.A.

**(Kawża C-452/08)** [1]

(2010/C 63/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 6, 10.01.2009.

---

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Polonja

**(Kawża C-516/08)** [1]

(2010/C 63/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 32, 07.02.2009.

---

## Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Novembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Ungerija

**(Kawża C-530/08)** [1]

(2010/C 63/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 19, 24.01.2009.